MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 796/2007

**Maltacom p.l.c. – C 22334 u b'digriet tas-27 ta' Novembru,**
**2007 l-isem tas-socjetà inbidel ghal Go p.l.c.**

**-vs-**

**Duncan Terranova I.D. 107276M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma erba' mija u disgha u sebghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€479.22) - (Lm205.73c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21578769 (AC 40057562) skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u skond id-dokumenti annessi Dok IZY 1 u IZY 2. Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-

ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t'erba' mija u disgha u sebghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€479.22) - (Lm205.73c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------